A.L. 186 tal-2011

ATT DWAR IR-REĠISTRAZZJONI TA' INĠENJI TAL-AJRU (KAP. 503)

Regolamenti tal-2011 dwar Ġurisdizzjoni Approvata fir-Reġistrazzjoni ta' Inġenji tal-Ajru

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Inġenji tal-Ajru, il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni mal-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin: -

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2011 dwar Ġurisdizzjoni Approvata fir-Reġistrazzjoni ta' Inġenji tal-Ajru.

Pajjiżi oħra rikonoxxuti bħala ġurisdizzjoni approvata.

2. Għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Inġenji tal-Ajru, it-tifsira "ġurisdizzjoni approvata" fl-artikolu 2 tiegħu għandha tinkludi dawn il-pajjiżi li ġejjin approvati mill-Ministru:

l-Albania, l-Alġeria, Aruba, il-Bahamas, Bahrain, Barbados, Bosnia u Herzegovina, il-Brażil, Bermuda, British Virgin Islands, Cayman Islands, iċ-Ċina, il-Kroazja, l-Eġittu, Georgia, Ġibbiltà, Guernsey, il-Honduras, l-India, l-Indonesia, l-Iraq, l-Isle of Man, il-Kosovo, Jersey, il-Ġordan, Kazakhstan, il-Kuwait, il-Libanu, l-Ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonia, il-Malasja, Marshall Islands, Monaco, Montenegro, il-Marokk, Oman, il-Panama, il-Filippini, il-Qatar, ir-Russja, Saint Lucia, San Marino, St. Kitts u Nevis, St. Vincent u l-Grenadines, l-Għarabja Sawdita, is-Serbja, Singapore, l-Afrika t'Isfel, is-Sirja, it-Tuneżija, l-Ukraina, l-Emirati Għarab Magħquda.